# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2017**

**Talba Nru: 504/2016 PM1**

**Emanuel Agius**

**Vs**

**Alex Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Novembru, elfejn u sittax (2016) illi permezz tieghu l-attur talab li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess attur is-somma ta' elf, mitejn u tletin Ewro (€1230) rapprezentanti l-hlas dovut lill-attur ghal generator mibjugh u kkonsenjat mill-attur lill-konvenut kif miftiehem bejn il-partijiet u s-somma ta' tletin ewro (€30) rapprezentanti spejjez extra-gudizzjarjaji ghall-ittra legali ta' interpellazzjoni mibghuta, bl-

ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimat datata 24 ta' Jannar, 2017 li permezz taghha eccepixxa li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatti u fid-dritt stante illi, kif fuq kollox jaf l-istess attur, is-somma msemmija ta' elf u mitejn ewro (€1200) rapprezentanti prezz tal-generator inbaghtet ma' iben l-attur u cioe' ma' Jonathan Agius u dana fuq struzzjonijiet tal-istess attur hallihom fir-razzett f'post specifikat u indikat mill-istess attur kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, waqt ili s-somma ta' tletin ewo (€30) rapprezentanti drittijiet extra gudizzjarji m'hijiex dovuta, salv eccezzjonijiet ohra bl-ispejjez kontra l-attur ingunt in subizzjoni.

Sema' x-xhieda tal-partijiet rispettivi, ta' Jonathan Agius u kif ukoll ta' bint l-attur Romina Falzon.

Ra d-dokumenti ezebiti ossija ittra legali datat 21 t'Ottubru, 2016 u ricevura fiskali datata 12 t'Ottubru, 2016.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi mill-aspett prettament legali jinghad li l-eccezzjoni imressqa fil-mertu mill-intimat f'dawn il-proceduri ghandha tinftiehem bhala eccezzjoni ta' pagament tas-somma mitluba (salv l-ammont mitlub fir-rigward ta' spejjez extra gudizzjarji ammontanti ghal tletin euro (€30) li gew ikkontestati bhala m'hux dovuti). Essenzjalment l-argument tal-intimat huwa li hu hallas l-ammont pretiz meta tali somma "*inbaghtet ma' iben l-attur u cioe' Jonathan Agius u dana fuq struzzjonijiet tal-istess attur hallihom fir-razzett f'post specifikat u indikat mill-istess attur*" (risposta a fol. 3 tal-process).

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-pagament jinsab deciz li l-oneru tal-prova fir-rigward ta' tali eccezzjoni jaqa' ghal kollox fuq min iressaqha (ara f'dan is-sens **Franz Mifsud v. Francis Montanaro** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fl-4 ta' Dicembru, 1998). Fir-rigward tal-prova mehtiega jinghad li:

"*Qed jigi sottomess mill-appellanti li l-oneru tal-prova tal-ezistenza tad-debitu jispetta qabel xejn lil min qieghed jittanta l-kawza. Dan huwa minnu, billi min jagixxi ghal xi kreditu jrid qabel xejn jipprova li dan il-kreditu jezisti. Izda huwa daqstant impellenti ghad-debitur li, la darba dan l-ostakolu jigi sorvolat, jressaq il-prova tal-estinzjoni tal-obbligazzjoni bil-pagament jew xort ohra in sostenn tal-eccezzjoni tieghu. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti jidher li hemm ammissjoni espressa da parti tal-konvenuti appellanti ghas-self tas-somma indikata fic-citazzjoni. F'dan ir-rigward issir referenza ghax-xhieda tal-istess konvenuti moghtija fl-udjenza tal-21 ta' Marzu, 1995. Inoltre l-ammont in kwistjoni jirrizulta mid-dokument A a fol 5 tal-process. Dan id-dokument u l-ammissjoni tal-konvenuti jissodisfaw il-prova ta' l-ezistenza ta' dan id-debitu. Dan stabilit jinkombi lill-konvenuti li jipprovaw lpagament.* ***<u>Huwa generalment rikonoxxut li l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tinghata mhux biss b'ircevuti li, b'certa finalita` jattestaw l-estinsjoni tal-obbligazzjoni, izda din il-prova tista' tingieb ukoll b'mezzi ohra. Fl-assenza ta' ricevuti, pero`, il-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant.</u>***" (**Carmelo Zammit et. v. Emanuele Galea** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2003 – enfazi mizjuda).

Hekk ukoll jinsab deciz li:

"*Fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt.*" (**Giuseppe Darmanin v. Salvatore Muscat** deciza mill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Frar, 1965).

Illi fil-kaz in ezami ma giet prezentata l-ebda ricevuta ta' pagament u certament illi mill-provi prodotti, tenut kont tal-ammissjoni tad-debitu ezistenti, l-oneru tal-prova imqieghed fuq l-intimat fir-rigward tal-pagament minnu eccepit ma giex sodisfatt. Dan jinghad **minghajr ebda ombra ta' dubbju** tenut kont tas-segwenti fatti:

1. Il-verzjoni tal-intimat hija li huwa ghadda l-flus lil iben l-attur u li dan, min-naha tieghu ghaddihom lill-attur billi hallihom fil-pots li jinsabu fir-razzett proprjeta' tal-istess attur.

2. Madanakollu skont ix-xhieda kemm tal-attur kif ukoll tal-konvenut il-ftehim bejniethom kien dak illi l-pagament kellu jghaddi minn idejn l-intimat **direttament** ghal idejn l-attur. Jirrizulta car illi l-konvenut kien a konoxxenza tal-problemi familjari li kien hemm bejn l-attur u ibnu. Huwa car li kien proprju ghalhekk li gie miftihem li l-pagament isehh mill-konvenut direttament lill-attur.

3. Jirrizulta daqstant iehor car li lanqas il-konvenut stess ma jista' jikkonferma li l-flus waslu ghand l-attur u dana ghaliex kulma jista' jghid huwa proprju li dawn il-flus ghaddihom ghand iben l-attur u li skont dan tal-ahhar dan hallihomlu fir-razzett tieghu. Il-konvenut stess jghid li huwa jista' jghid li dawn thallew hemmhekk semplicement ghaliex huwa jafda tant lil iben l-attur illi jemmen li dawn il-flus thallew hemmhekk. Certament illi tali opinjoni da parti tal-konvenut, apparti li mhux kondiviza mit-Tribunal, ma tistax tissodisfa l-prova tal-pagament *multo magis* tenut kont ta' dak li kien gie espressament stipulat bejn l-istess partijiet u d-disgwid familjari pendenti ghal diversi snin bejn l-attur u ibnu.

4. Wara li sema' *viva voce* ix-xhieda tal-istess Jonathan Agius u wkoll tal-partijiet it-Tribunal huwa tal-fehma li, jekk tassew il-flus ghaddew min idejn l-intimat ghal ghand Jonathan Agius, l-intimat hass li billi jhallas lil iben l-intimat flok lill-

intimat kien qieghed iwettaq fil-konfront tal-iben xi forma ta' gustizzja jew karita' tenut kont tal-kundizzjonijiet difficli li Jonathan Agius kien qed jghix fihom u li ftit li xejn kien jimpurtah li jassigura ruhu li l-flus effettivament jaslu ghand l-attur bhala l-kreditur tieghu. It-Tribunal huwa tal-fehma wkoll li l-intimat kien ben konxju tal-fatt li kien hemm possibilita' serja hafna (jekk mhux certezza) li tali flus, jekk tassew ghaddihom lil Jonathan  Agius, ma kenux ser jaslu ghand l-attur u dana ghaliex l-attur qajla kien ikellem lil ibnu u kien hemm disgwid bejniethom li kien ilu ghaddej is-snin.

5. Jekk dan ma kienx sufficjenti f'tali rigward certament illi meta l-intimat gie lura mis-safar u skopra li Jonathan Agius ma kienx ghadu wettaq il-pagament (tenut kont li l-intimat kien ghaddielu l-flus proprju sabiex il-hlas jigi affetwat waqt li huwa jkun imsiefer) id-dehen ta' *bonus paterfamilias* kien jirrikjedi li huwa jitlob lura l-flus minghand iben l-attur sabiex jaffetwa **<u>huwa stess il-pagament direttament lill-attur, ukoll kontra d-debita ricevuta</u>** u b'hekk jevita kwalunkwe dubbju fir-rigward tal-pagament li kien ghadu dovut minnu. Minkejja dan, huwa ghazel – almenu skont il-verzjoni tieghu stess - li jhalli l-flus f'idejn Jonathan Agius u jistrieh fuq il-kelma tieghu li huwa kien hallihom fir-razzett ta' missieru, dan meta kien a konoxxenza tal-fatti kollha tal-kaz, partikolarment ta' dak li kien ftihem huwa personalment mal-attur. Dan wassal sabiex l-istess intimat ma jistax jikkonferma **<u>bil-gurament tieghu</u>** li l-hlas ghadda **<u>f'idejn l-attur</u>** u kwindi jeskludi kwalunkwe dubbju f'mohh il-gudikant f'tali rigward. L-istess jista' jinghad fir-rigward tax-xhieda ta' Jonathan Agius.

6. M'hijiex kredibbli l-allegazzjoni li kien l-istess attur li sussegwentement talab li l-flus jithallew fil-post u dan ghaliex huwa stess kien insista – u l-konvenut jikkonferma dan – li l-hlas isir direttament lilu. Ma kien hemm xejn li jostakola dan il-pagament dirett wara li l-intimat irritorna mis-safar. Ix-xhieda tal-attur fis-sens illi sab il-pots fir-razzett imcaqalqin certament li ma tista' bl-ebda mod isservi

bhala xi ammissjoni jew prova ta' pagament da parti tal-intimat li, in vista tas-surreferit, *imputet sibi* jekk f'dawn il-proceduri gie rez fl-impossibilita' li jipprova li huwa hallas lill-attur.

Tenut kont tas-surreferit, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talba attrici ghas-somma mitluba, inkluza wkoll is-somma ta' tletin ewro (€30) relattiva ghall-ittra legali interpellatorja mibghuta mill-attur lill-intimat timmerita li tigi akkolta bl-ispejjez tal-procedura odjerna kontra l-istess intimat u bl-imghaxijiet fuq is-somma mitluba mid-data tan-notifika tal-avviz lill-intimat sad-data tal-effettiv pagament.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha imressqin mill-intimat, jilqa' t-talba attrici kif dedotta u jikkundanna lill-intimat ihallas lill-istess attur is-somma ta' elf, mitejn u tletin ewro (€1230) bl-ispejjez tal-procedura prezenti u bl-imghaxijiet fuq l-istess mid-data tan-notifika tal-avviz lill-istess intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**